PDF Compressor Pro





Dehra tal-playing field

# Kjosk tgħaddi f'idejn Kunsill

Wara li ftit tax-xhur ilu, id-Dipartiment tal-Artijiet għadda lill-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex *playing field* fiċ-ċentru tal-lokalità, issa kien imiss li tgħaddi b'devoluzzjoni kjosk fl-istess post. F'qasir żmien kemm il-kjosk kif ukoll il-*playing field* se jkunu parti integrali minn proġett ta' tisbiħ li se jsir f'dan l-ispazju għar-rikreazzjoni tal-familji.

Id-devoluzzjoni tal-kjosk saret waqt żjara li l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari għan-Negozji Żgħar u Artijiet Jason Azzopardi u s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali Chris Said għamlu fil-*playing field*, fejn ġew milqugħa mis-Sindku tar-Rabat, l-Avukat Samuel Azzopardi.



Waqt l-iffirmar tal-ftehim ta' devoluzzjoni ta' kjosk

Is-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi qal li din hija waħda minn 24 devoluzzjoni li saru minn Jannar ta' din is-sena sa Lulju.

Żied jgħid illi l-Gvern jagħti importanza kbira u jħaddan politika ta' devoluzzjoni għax permezz tagħha jkun qed isir investiment dirett fil-komunitajiet.

Fil-każ tad-devoluzzjoni tal-*playing field*, il-Kunsill Lokali tar-Rabat iħallas kirja annwali mnaqqsa minn dik li l-Gvern seta' jdaħħal kieku krieh b'mod kummerċjali. Id-differenza bejn il-valur kummerċjali u dak li ser iħallas il-Kunsill tar-Rabat għall-*playing field*, hi ta' qrib l-għoxrin elf ewro fis-sena. Il-Gvern jemmen li dawn il-flus mhux ser jintilfu, iżda se jkunu investiti fil-kwalità tal-ħajja tar-residenti tal-lokalità.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Said tkellem dwar l-impenn tal-Gvern li jkompli jgħin lill-Kunsilli Lokali b'diversi modi biex itejbu l-infrastruttura fil-lokalitajiet tagħhom u b'hekk igawdu l-komunitajiet li jirrappreżentaw.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono fakkret kif il-Gvern permezz tal-Ministeru għal Għawdex ikkollabora flimkien mal-Kunsilli Lokali Għawdxin matul is-snin u kif illum dawn huma ta' servizz validu għar-residenti fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom.



Dehra tal-kjosk kif inhi illum






Is-Sindku Joe Grima (lemin) jidher jippreżenta Ġieħ Kerċem lil George Mizzi

# Ġieħ Kerċem

George Mizzi, is-Sagristan tal-Knisja Parrokkjali ta' Kerċem ingħata Ġieħ Kerċem waqt ċerimonja li saret fi Pjazza Orvieto f'Kerċem. George ilu jaqdi dmirijietu bħala sagristan għal dawn l-aħħar 40 sena. Mizzi ġie ippreżentat b'tifkira mis-Sindku Joe Grima.

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



Mal-wasla tad-delegazzjoni għand Mons. Isqof Mario Grech, fil-Kurja. Jidhru mix-xellug għal-lemin ir-Reverendu Dun Anton Briffa OFM Cap, Kenneth De Martino, Mons. Isqof Grech, Leslie Bonnici, Robert Gonzi u Lorrie Saliba

# Żjara ta' kortesija lill-Isqof t'Għawdex

Delegazzjoni mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-i*Scouts* għamlet żjara ta' kortesija lill-Isqof Mario Grech, fil-Kurja Djoċesana fir-Rabat. Id-delegazzjoni kienet magħmula minn Kenneth De Martino, *Chief Scout*, Leslie Bonnici, *Chief Commissioner*, Robert Gonzi, Segretarju Ġenerali Onorarju, mid-Delegat tal-Arċisqof għall-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts*, ir-Reverendu Dun Anton Briffa OFM Cap u minn Lorrie Saliba, Kummissarju Distrettwali għal Għawdex.

L-Isqof laqa' u ta merħba mill-qalb lid-delegazzjoni. Wara li l-partijiet introduċew ruħhom u wrew apprezzament reċiproku għall-għajnuna kontinwa li tingħata bejn iż-żewġ naħat, ingħabru għal-laqgħa informali. Matul din il-laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Isqof, il-kelliema ffukaw fuq l-importanza ta' l-għanijiet, il-valuri u l-aspett tal-edukazzjoni mhux formali marbuta mal-i*scouts* fis-soċjetà tagħna. Tkellmu wkoll dwar l-isfidi li ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom. Id-delegati saħqu li għalkemm f'Malta u Għawdex l-i*scouts* għadhom iħaddnu prinċipji tradizzjonali b'saħħithom, l-Assoċjazzjoni Maltija tal-i*scouts* hu moviment li qed jaġġorna ruħu maż-żminijiet u mal-bidliet soċjali bil-għan li jiġbed lejh membri ġodda u jdewwaqhom esperjenzi sbieħ u pożittivi kif ukoll jedukahom f'qafas multikulturali.

Fi tmiem din iż-żjara, l-Isqof ġie ppreżentat b'tifkira li nħadmet bl-idejn.



Waqt il-laqgħa ta' diskussjoni fil-Kurja

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***